# Xi Kurżitajiet fil-Kappellun ta' San Ġużepp

## *Fil-Knisja Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor*

**Guido Lanfranco**



Tista' tgħid li kull ħaġa li hemm fil-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, bħalma jiġri fi knejjes oħra, għandha storja, imma rrid insemmi biss żewġ aspetti folkloristiċi li għandhom x'jaqsmu mal-kappellun ta' San Ġużepp.

### San Ġużepp tal-wegħda

Dwar dan l-inkwadru ta' San Ġużepp xtaqt nikteb dwar ħaġa li ftit jafu biha. Ġużeppi Savona minn Tas-Sliema kien student ta' l-arkitettura u rnexxielu jiggradwa perit fl-1936. Għal min ikun għadu kemm jiggradwa ma kinetx ħaġa faċli li mill-ewwel jaqbad jaħdem għar-rasu. Għalhekk Ġużeppi Savona għamel wegħda lill-qaddis ta' ismu li jekk jirnexxilu jidħol jaħdem mal-gvern iħallas għall-inkwadru ġdid ta' San Ġużepp għall-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor.



*Il-kwadru ta' San Ġużepp.*

Daħal jaħdem mal-gvern u żamm kelmtu. Fuq in-naħa ta' isfel fuq il-lemin ta' l-inkwadru hemm l-arma tal-familja Savona, li tkun b'nofs aħmar u ieħor blu, bi istilla bajda fuq il-blu. Dan l-inkwadru sar mill-istess sorijiet li pinġew it-titular tal-knisja. Fl-1937 il-perit Giuseppi Savona mar Għawdex bil-familja tiegħu bħala perit tal-gvern mal-*Public Works*. Dam jaħdem hemm tnax-il sena, inklużi is-snin tal-gwerra. Ix-*shelters* ta' Għawdex saru taħt is-sorveljanza tiegħu. Meta rritorna Malta kompla jaħdem mal-gvern bħala *deputy director* sakemm irtira f'Marzu ta' l-1969; sfortunatament bilkemm gawda l-pensjoni għax miet fid-9 ta' Frar 1970.[1]

Fil-pubblikazzjoni dwar il-knisja il-kunjom tad-donatur, bi żball, jidher Bayona minflok Savona.

L-inkwadru ta' San Ġużepp li naraw issa ħa post ieħor li kien hemm qabel impitter minn Giuseppe Calì fl-1881, imma dak kien spiċċa bil-ħsarat tal-gwerra. L-inkwadru li hemm fuq l-altar kien sar fl-1937 kif għedna, mis-sorijiet Franġiskani ta' Marija f'Ruma, l-istess sorijiet li fl-1936 kienu pinġew l-inkwadru titulari li naraw fuq l-altar maġġur.

Meta ġew biex ipoġġu l-pittura ta' San Ġużepp f'postha instab li l-gwarniċ ta' mal-ħajt kien akbar minnu, għalhekk kienu qabbdu lil Patri Fawstinu, Kapuċċin fil-kunvent tal-Furjana, li kien jinqala' għal pittura, biex ikabbru billi jpinġi madwaru kemm kien hemm bżonn biex joqgħod sewwa fil-gwarniċ. Jekk tħarsu sewwa lejn l-inkwadru taraw il-parti miżjuda tidher sewwa għax, billi iż-żebgħa kienet ta' żmien differenti, u mhux mill-istess taħlita, ma jistax ikun li tkun identika ma' l-antika.

L-altar ta' San Ġużepp darba kien l-altar maġġur fuq il-presbiterju, imma fl-1910 kien inħadem altar maġġur ġdid, u li kien hemm qabel poġġewh għal San Ġużepp.[2]

### San Baskal iżomm il-ħin

F'niċċa fl-istess kappellun ta' San Ġużepp hemm statwa ta' San Baskal Baylon li l-Maltin iħobbu jsejħulu San Baskal. Qabilha kien hemm opra li spiċċat fil-gwerra. Meta kien hawn il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta fl-1913 kienet saret din l-istatwa minn Karmenu Mallia *Il-Lhudi*, statwarju minn Ħal Qormi. Qabel ngħatat lill-Fratellanza tas-Sagrtament knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor kienet l-ewwel għand il-Franġiskani Ta' Ġieżu tal-Belt, u wara fir-Rabat. Hemm ukoll it-titular tal-mużajk li juri lil San Baskal fil-kappella Tas-Sagrament li sar Venezja fl-1956.

Dan il-qaddis magħruf l-aktar bħala patrun tal-fratellanzi tas-Sagrament, kungressi u entitajiet oħra Ewkaristiċi, imma fil-gżejjer tagħna huwa wkoll popolarment assoċjat

maż-żamma tal-ħin. Meta ommijiet kienu jħossu li wasal iż-żmien li titwieled it-tarbija tagħhom, kemm huma, kif ukoll qrabathom kienu jitolbu lil San Baskal biex it-twelid isir fil-ħin mistenni b'wiċċ il-ġid. Ukoll jekk tfal kienu jaslu tard l-iskola, kienu jgħidulhom li biex iqumu u jaslu fil-ħin għandhom jitolbu lil San Baskal biex iqajjimhom u jwassalhom fil-ħin.[3]

Għaliex lil San Baskal għażluh ukoll protettur fiż-żamma tal-ħin? Jidher li hu twieled fl-Għid il-Ħamsin ta' l-1540 u miet fl-Għid il-Ħamsin tal-1592, għalhekk iqisuh li kien preċiż fit-taqbil tal-jiem tat-twelid u l-mewt tiegħu. Mhux biss, imma titqies sinjifikanti li miet fil-ħin eżatt li fih kienet qed iddoqq il-qanpiena tal-knisja biex tħabbar il-Konsagrazzjoni, mument għażiż għalih ta' l-Ewkarestija.

**Referenzi:**


1 Bint il-perit Ġużeppi Savona, is-Sinjura Marlene Catania minn tas-Sliema, qaltli dwar dan li qed ngħid dwar missierha f'kmunikazzjoni personali 12-ix-2004, konfermata 22-iii-2005.
2 VELLA, P. ĠUŻEPP Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor Tas-Sliema, 1993 p.102-103
3 LANFRANCO, G. Drawwiet u tradizzjonijiet Maltin 2001 p.70, 114




*San Baskal Baylon*


Gino's Restaurant

**Ball Street, Paceville St Julians, Malta**
**Tel: 21351774 Mob: 9949 8085**

*Specialising in Maltese food and fresh fish*

Dive Systems
**PADI Dive Centre**
**BSAC School**
AQUAMARINA SPORTS
**48, Gżira Road, Gżira**
**Tel: 2131 7137 • Fax: 2134 2040**